# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 571

Il-Ħamis, 29 ta' Frar, 2024

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, f'12:00pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:

Paul Mizzi- Viċi Sindku
Alvin Grech – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-laqgħa.

Din il-laqgħa saret b'urġenza sabiex jiġi diskuss ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-offerta KCM/02/2023 – The organisation and implementation of an event for Kercem LC. Il-bord ta' evalwazzjoni qed jirrakkomanda li l-offerta tingħata lil Power Sound għal Eur47,394.00 excl VAT bħala l-offerta li hija 'cheapest technically compliant'. Il-Kunsill Lokali qed jaqbel mal-bord ta' evalwazzjoni u jieħu r-rakkomandazzjoni tiegħu.

Fl-istess laqgħa, is-Sindku semma li f'April 2023, il-Kunsill permezz tal-minuti numru 559.11.5 kien ħa d-deċiżjoni li ġejja:
*Il-Kunsillier Elvin Grech ġibed l-attenzjoni illi kull sena fi żmien l-Għid qed tintrama struttura għall-irxoxt fi Triq San Girgor mill-Għaqda tan-Nar. Dawn qed jibdew jarmaw mit-Tnejn sabiex l-attivita tkun il-Ħadd, bil-konsegwenza illi qed jiskomodaw lir-residenti, apparti il-periklu li qed jinħoloq fit-triq. Wara diskussjoni, il-Kunsill Lokali qabel unanimament li mis-sena li ġejja il-permess joħroġ mis-Sibt għall-Ħadd. Jekk ma jaċċettawx min-naħa tal-Għaqda tan-Nar, noffrulhom li jsibu post ieħor.*
Il-Kunsill reġa' ddiskuta l-istess permess u ddeċieda illi l-permess minn naħa tal-Kunsill Lokali joħroġ mill-Ġimgħa wara l-funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Il-laqgħa ntemmet fil-12:15pm.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv